MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 989/2004

**Raymond Bonnici - ID - 522457(m) u martu Carmen Bonnici - ID - 530056(m)**

**Vs**

**Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Frank Scicluna, l-uniku Direttur tas-socjeta' "Equal Company Limited" in rappresentanza ta' l-istess**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi b'konvenju tal-1 ta' Settembru, 2003, Dok. A, imgedded fit-23 ta' Ottubru 2004 u registrat mal-Kummissarju tat-Traxxi Interni fis-6 ta' Novembru 2004 Dok. B, li kien

validu sat-30 ta’ Novembru, 2004, l-atturi obbligaw ruhhom li jixtru minghand is-socjeta “Equal Company Limited” kif rappresentata mill-uniku direttur taghha Frank Scicluna (a) *studio flat* numru (1) wiehed fi blokk ta’ appartamenti numru (12) tnax, Forrest Street, San Giljan liberu u frank bid-drittijjet tieghu kollha kompriz sehem indiviz *pro rata tal-common parts* u common services li dan li studio flat ghandu mal-flats l-ohra fl-istess blokk; u (b) garage numru hamsa *(5) on level minus one* (-1) ta’ l-istess blokk u (c) garage numru (3) tlieta *on level minus two* (-2) fl-istess blokk f’ Forrest Street, San Giljan bid-drittijiet kollha, accessibbli minn Forrest Street, liberu u frank, bil-prezz komplessiv ta’ hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25000) li fuq l-istess konvenju l-venditur nomine ddikjara li gia’ rcieva — u bil-kondizzjonijiet l-ohra imsemmija fl-istess konvenju, redatt minn Nutar Dottor Francis Micallef;

Illi Frank Scicluna, ID - 88249(m) hu l-uniku Direttur tas-socjeta’ “Equal Company Limited” u dan wara li thallas il-prezz kollu ta’ hamsa u ghoxrin (Lm25000) elf lira maltija, miftiehem fuq il-konvenju, allontana ruhu minn Malta definitivament, ma ta l-ebda indikazzjoni fejn mar u ghalhekk l-atturi huma fl impossibilita’ li b’xi mod jikkomunikaw mieghu;

Illi fis-17 ta’ Novembru 2004 l-atturi pprocedew b’rikors ghan-nomina ta’ kuraturi , Dok. C u ittra ufficjali kontestwali, Dok. D fejn interpellaw il-venditur nomine biex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta’ l-Att Notarili relattiv fit-termini ta’ l-istess konvenju li baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti kuraturi deputati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:-

1. tikkundannahom jersqu ghall-Att Notarili relattiv biex l-atturi jixtru u jakkwistaw minghand is-socjeta’ “Equal Company Limited” li *studio flat* numru wiehed (1) fi blokk ta’ appartamenti numru (12) tnax, Forrest Street, San

Giljan liberu u z-zewg garages numru hamsa *(5)* fil-livell *minus one* (-1) u numru (3) tleta fil-livell *minus two* (-2) fit-termini ta' l-istess konvenju kif fuq intqal;

2. tinnomina lin-Nutar Dottor Francis Micallef biex bil-ministeru tieghu jigi ppubblikat l-Att Notarili relattiv; u

3. Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tar-rikors u ittra ufficjali pprezentati fis-17 ta' Novembru, 2004 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' konvenuti kuraturi deputati fejn gie eccepit li f' dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2005 min fejn jirrizulta li din il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jghamlu referenza ghall-konvenju tal-1 ta' Settembru 2003 li bih huma obbligaw ruhhom li jixtru minghand is-socjeta "Equal Company Limited" kif rappresentata mill-uniku direttur taghha Frank Scicluna l-proprjeta', f'San Giljan, indikata fl-istess konvenju, bil-prezz komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25000). Is-socjeta konvenuta fl-istess konvenju ddikjarat li gia'

kienet ircevit il-prezz kollu fuq imsemmi. L-atturi jippremettu ukoll li l-imsemmi uniku direttur tas-socjeta konvenuta allontana ruhu minn Malta b'mod definittiv u ma ta l-ebda indikazzjoni fejn mar. Ghalhekk l-atturi, fost talbiet ohra, qed jitolbu li l-konvenuti kuraturi deputati nomine jigu kundannati jersqu ghall-att notarili relattiv;

Mill-provi kollha prodotti t-tabiet kollha attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati hu b'hekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenuti kuraturi deputati nomine jersqu ghall-Att Notarili relattiv biex l-atturi jixtru u jakkwistaw minghand is-socjeta' "Equal Company Limited" l-istudio flat numru wiehed (1) fi blokk ta' appartamenti numru (12) tnax, Forrest Street, San Giljan liberu u z-zewg garages numru hamsa (5) fil-livell minus one (-1) u numru (3) tleta fil-livell minus two (-2) fit-termini tal-konvenju indikat fic-citazzjoni; tinnomina lin-Nutar Dottor Francis Micallef biex bil-ministeru tieghu jigi ppubblikat l-Att Notarili relattiv u dana mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjes kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------